# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMĦALLEF DR CONSUELO SCERRI HERRERA, LL.D., Ph.D.

**Appell Nru: 183/2019/1 CSH**

**Il-Pulzija**

**vs**

**Mark Tabone**

**Illum, 12 ta' Mejju, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Mark Tabone** detenur tal-karta tal-identità Maltija 544578M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-2 ta' Mejju, 2017, għall-ħabta tal-ħamsa u tnax-il minuta (17:12 hrs) ġewwa l-impjant bl-isem Gatt Ready Mix, fi Triq il-Qala, Għajnsielem, Għawdex waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Leyland DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni GBF-669:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Mercieca, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 89448(G), u dan bi ksur tal-artikolu 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża, u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1)(a), 15 (2), u 15 (3) ta' Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi bħala ħaddiem naqas milli jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li setgħu jiġu effettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir u dan bi ksur tal-artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tiskwalifika l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat għal perjodu li jidhrilha li huwa xieraq. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet dwar ir-reati mertu tal-akkużi odjerni, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Diċembru, 2024, wara li rat l-artikoli tal-Liġi partikolarment l-Artikoli 226 (1)(a) u 218(1) tal-Kap. 9, l-Artikoli 15 (1)(a) u 15 (3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 7 (1) u 38 (3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat inkwantu ġie akkużat li saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBF-669 b'manjiera bla kont u perikoluża filwaqt li ssibu ħati ta' sewqan b'manjiera traskurata, kif ukoll issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni b'dana li qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500). Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 15 (3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna s-sospensjoni tal-liċenzja ta' sewqan għal żmien tmint ijiem mil-lum li jibdew jiddekorru min-nofsillejl. Tordna wkoll li l-istess ħati jħallas tmien mija u wieħed u sebgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€871.98ċ) rappreżentanti terz mill-ispejjeż magħmula fl-inkjesta maġisterjali miżmuma in konnessjoni ma' dan l-inċident u dana wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-appellanti Mark Tabone preżentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Diċembru, 2024 fejn ġiet mitluba sabiex filwaqt li tikkonferma l-parti fejn illiberatu mit-tieni akkuża inkwantu għas-sewqan b'manjiera bla kont u perikoluża, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata fejn sabitu ħati tal-ewwel akkuża, tat-tieni akkuża

fir-rigward tas-sewqan b'manjiera traskurata u tat-tielet akkuża, u konsegwentement fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

**L-aggravji huma ċari u manifesti:**

**L-Ewwel Aggravju — Ir-responsabbilità tal-inċident de quo u ċ-ċirkostanzi tal-każ**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant idur mar-responsabbilità tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ. Għandu jiġi sottomess mill-bidu nett li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel analiżi akkurata tal-provi miġjuba quddiemha, u b'mod partikolari dwar il-mod kif huma mqassma l-ambjenti fejn seħħ l-inċident.

Illi fil-fatt għandu jiġi enfasizzat mill-bidu nett li l-vittma f'dan l-incident ma bediex jaħdem fl-impjant il-ġurnata ta' qabel l-inċident, iżda kien ilu żmien u għomor impjegat f'dan il-qasam, tant li kien jirraporta kuljum f'dawn l-ambjenti għal snin sħaħ. Illi mhux hekk biss, talli l-istess Mercieca kien anke jsuq it-trakkijiet, inkluż trakkijiet tar-ready-mix — ċjoè bħal dik li kienet involuta fl-inċident de quo. Għalhekk kellu konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jikkomporta miegħu makkinarju ta' dan it-tip, u l-ambjenti li fihom kien jopera kwotidjanament. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu Mercieca jgħid li xogħlu kien li joħroġ bix-xogħol tar-ready-mix.

Illi jingħad għalhekk illi l-ambjenti kien jafhom, u jafhom sewwa. Dan qiegħed jingħad għaliex hekk kif irriżulta b'mod ċar kristall mill-provi prodotti matul il-kors tal-proċeduri, it-trakk tar-ready-mix kienet proċedura normali li dan jiddaħħal fil-garaxx biex jinħasel. Dan l-imsemmi garaxx huwa wieħed imdaqqas li għandu bieb tassew wieħed minn fejn ikun jista' jiddaħħal, biex ikun jista' jsirlu x-xogħol neċessarju fuqu.

Illi madanakollu, dak li naqset tosserva l-Ewwel Onorabbli Qorti, kien il-fatt li dan l-istess garaxx ma kellux biss apertura waħda minn fejn seta' jidħol u joħroġ dak li jkun, iżda kellu apertura daqstant ieħor kbira fuq il-ġenb l-ieħor tal-garaxx minn fejn seta' jidħol u joħrog l-imsemmi Mercieca.

Illi din iċ-ċirkostanza hija totalment mankanti mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, tant li dan il-fatt, minkejja li evidenti mill-provi, jisfuġġi totalment mill-analiżi tal-provi mressqa quddiem l-istess Qorti. Jiġi spjegat illi l-garaxx inkwistjoni huwa wieħed kbir, li jinsab fil-bitħa fejn

jopera l-impjant tal-konkrit. Dan il-garaxx hekk kif tħares lejh min-naħa tat-triq għandu bieb imdaqqas (fejn kien qiegħed ipparkjat it-trakk involut fl-inċident). Fuq in-naħa tax-xellug, meta wieħed ikun qed iħares lejn il-garaxx mit-triq, hemm bieb ieħor, l-istess imdaqqas ukoll il-għaliex magħmul biex jidħol trakk tar-ready-mix — dan jinsab fuq il-lat l-ieħor tal-ewwel bieb imsemmi. Qed issir enfasi sħiħa fuq il-mod kif inhuma mqassma l-ambjenti l-għaliex huwa ċar li dan ma kienx l-uniku mod kif seta' għadda Mercieca biex mar għat-trakk tiegħu.

Jingħad illi skont ix-xhieda tiegħu, Mercieca għadda minn maġenb it-trakk, u dan meta jaf bil-perikli li hemm fuq il-lant tax-xogħol. Minkejja li huwa kellu alternattiva oħra minn fejn seta' jasal għat-trakk tiegħu li kien qiegħed fil-bitħa, huwa għażel li jgħaddi minn dik l-aktar perikoluża, u ċjoè minn fejn kien qiegħed it-trakk involut fl-inċident.

Issa tajjeb wieħed jenfasizza li dan it-trakk kien qiegħed fil-garaxx fl-aħħar tal-jum wara ġurnata xogħol sabiex, hekk kif inhi proċedura normali, dan jinħasel biex ikun lest għall-ġurnata xogħol oħra l-għada. Għalhekk huwa evidenti li kuntrarjament għal dak li ngħad minn Mercieca fix-xhieda tiegħu, it-trakk kien imqabbad, u dan l-għaliex biex tkun tista' ddur il-bajla huwa neċessarju li l-vettura tkun imqabbda. Huwa ċar għalhekk li Mercieca kien a konoxxenza li minkejja li seta' għadda minn alternattiva oħra, aktar sigura u anqas skabruża, għadda minn post fejn poġġa lilu nnifsu f'periklu serju u imminenti, tant li seħħ l-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi għalhekk huwa ċar li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tanalizza b'mod ċar iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u skartat għalkollox fattur li huwa bażilari dwar ir-responsabbilità tal-inċident.

Illi tenut kont ta' dan għalhekk, ir-responsabbilità tal-inċidenti ma kellhiex tiġi attribwita f'ħoġor l-imputat, iżda kien jaħti għaliha l-istess Mercieca, meta:

- minkejja li kellu alternattiva minn fejn jgħaddi;
- minkejja li kien ikun eqreb għalih li jasal għat-trakk li kien sejjer isuq;
- minkejja li kien ilu jaħdem fl-istess qasam u fl-istess ambjenti għal snin sħaħ;

- minkejja li kien jaf bil-perikli u l-attenzjonijiet neċessarji li wieħed għandu joqgħod attent għalihom fuq il-post tax-xogħol.

Mercieca għażel li jieħu t-triq li ħa, u b'hekk poġġa lilu nnifsu u lil ħaddiehor f'periklu serju, u għalhekk wassal biex ġara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

Konsegwentement għalhekk, ir-responsabbilità ta' dan l-inċident ma kellhiex tiġi attribwita għall-esponenti in vista taċ-ċirkostanzi kif hawn fuq esposti, u li ġew spjegati b'mod dettaljat matul il-kors ta' dawn il-proċeduri.

### It-Tieni Aggravju — Sewqan b'Manjiera Traskurata

Illi l-esponenti ġie misjub ħati ta' sewqan b'manjiera traskurata, iżda mhux b'manjiera bla kont u perikoluża.

L-esponenti jissottometti li huwa anqas kellu jiġi misjub ħati li saq b'manjiera traskurata, stante li hekk kif huwa ċar mill-fattispecie tal-każ, l-esponenti għamel dak kollu li fil-ħila tiegħu seta' għamel bħala sewwieq ta' vettura.

Fil-fatt, mix-xhieda tiegħu stess Mercieca jispjega li hu għadda min-naħa l-oħra tal-vettura, u ċjoè mhux min-naħa tal-passiġġier. Illi anke fuq dan il-punt biss, in linea wkoll ta' dak li ngħad aktar 'il fuq, l-imsemmi Mercieca kkontribwixxa sabiex jikkaġuna dan l-inċident meta mar fuq naħa fejn kien evidenti li kien ser ikun ta' periklu għalih innifsu.

Anke jekk dan kien il-każ, Mercieca jispjega li huwa nlaqat mit-trakk minn quddiem kien jimporta għalhekk ukoll lill-istess Mercieca li f'dak il-mument bħala *pedestrian* kien jinkombi fir-responsabbilità tiegħu wkoll li ma jkunx negliġenti fl-azzjonijiet tiegħu.

Għalkemm f'ċirkostanzi differenti minn dak odjern, l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fatih Pancar** deċiża fis-6 ta' Novembru, 2018. Issir referenza partikolari għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fejn ingħad illi:

"*Din il-Qorti tabraċċa u tagħmel tagħha r-rakkomandazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex il-legislatur jikkunsidra l-introduzzjoni ta' 'Pedestrian Offences' u dan fl-ambitu tal-Highway Code innifsu li jimponi obbligi mhux biss fuq is-sewwieqa iżda anke fuq pedestrians li jkunu qegħdin jużaw it-triq. Din il-Qorti tissuġerixxi li għandu jkun hemm sanzjonijiet għal persuni li jagħżlu li jaqsmu minn punt*

*partikolari ta' triq nonostante li jkun hemm pedestrian crossing jew punt aktar sikur minn fejn taqsam.*"

F'mansjonijiet ta' reati in konnessjoni ma' vetturi bil-mutur, huwa neċessarju li kull parti tħares tajjeb l-obbligazzjonijiet tagħha naxxenti mill-pożizzjoni tagħha. F'dan il-każ, Mercieca jieħu l-pożizzjoni tiegħu ta' *pedestrian* li għalhekk huwa neċessarju li jieħu ħsieb li ma jostakolax il-karreġġjata li tkun qed tiġi utilizzata minn min ikun qed isuq il-vettura. F'dan id-dawl, fuq skorta tas-sentenza msemmija, l-imsemmi Mercieca kien għalhekk ta' kontribut f'dan il-inċident meta poġġa lilu nnifsu quddiem vettura mqabbda miexja, aktar u aktar meta kien hemm possibilitajiet aktar siguri li setgħu jevitaw dan l-inċident.

### It-Tielet Aggravju — Liġi ineżistenti

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-esponenti ġie akkużat bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Onorabbli Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 7(1) u 38(3) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tal-Att XXXIII tal-2024, l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol — Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta ġie mħassar, u dan b'effett mis-26 ta' Novembru, 2024.

Illi fid-data tas-sentenza, u ċjoè 11 ta' Diċembru, 2024, għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta, kienu ineżistenti u ineffikaċi, u għalhekk ma kellhom l-ebda saħħa ta' Liġi.

L-Ewwel Onorabbli Qorti tagħmel ampja referenza għalihom, tant li fid-decide tagħha tikkwota l-istess dispożizzjonijiet legali, u tagħti sentenza a bażi ta' dawk l-istess dispożizzjonijiet. Dan iwassal sabiex tali pronunzjament għal dak li għandu x'jaqsam mat-tielet akkuża huma bla ebda effett fuq skorta tal-prinċipju *nullum crimen sine lege*.

Illi bis-saħħa tal-Avviż Legali 321 tal-2024 datat 26 ta' Novembru, 2024 twaqqaf fis-seħħ l-effetti tal-imsemmi Att Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-imsemmi Avviż Legali ma ssir l-ebda referenza għal xi proċeduri transitorji, u għalhekk konsegwentement, fil-11 ta' Diċembru, 2024, tali sentenza

abbażi tal-ismemmi Att u l-artikoli msemmija fl-istess sentenza ma kellhom l-ebda effett.

F'dan is-sens għalhekk l-esponenti kellu jiġi lliberat mill-imsemmija imputazzjoni, u għandu għalhekk fid-dawl ta' dan l-aggravju jiġi liberat minnu.

### Ir-Raba' Aggarvju — Apprezzament żbaljat tal-provi

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda partikolarment il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel analiżi korretta tal-fatti kollha enunċjati quddiem.

Dan qiegħed jingħad b'referenza għall-provi miġjuba quddiem il-Qorti, b'mod partikolari r-riżultanzi tal-inċident. Dan l-aggravju qiegħed jinġab ukoll, mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra fid-dawl tal-fatt li hekk kif ġie spjegat, Mercieca ħareġ minn naħa fejn ma kellux joħroġ, għażel li jimxi quddiem it-trakk, u li fi kliemu stess kien qiegħed madwar 14-il metru 'l barra minnu.

Illi għalhekk mill-assjem kollu tal-provi, l-esponenti appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel analiża akkurat tal-provi prodotti a detriment tal-istess appellant.

**Rat** ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Frar, 2025;

**Rat** l-atti kollha proċesswali;

**Rat** il-fedina penali aġġornata tal-appellant Mark Tabone;

**Semgħet** il-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom;

### Ikkunsidrat

Illi **l-ewwel aggravju** tal-appellant jirrigwardja r-responsabbiltà tal-inċident. Huwa jsostni illi l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi akkurat tal-provi b'mod partikolari dwar il-mod kif huma mqassma l-ambjenti fejn seħħ l-inċident. Inoltre, permezz **tar-raba' aggravju**, l-appellant itenni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljati tal-provi.

Din il-Qorti hija Qorti tal-Appell, u mhux Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment, u raġonevolment korretta fl-

apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1]

> *"hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u oħrajn.)

Illi appropożitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-liġi Ingliża s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968):-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court*

[1] Deċiża 31 ta' Lulju 2008, Appell Numru 141/2008.
[2] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] [1969] 1 QB 276.

> *with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, dimend li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**,[8] ingħad illi:-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta… , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semgħet ix-xhieda hi kif tkun semgħathom l-Ewwel Qorti; u għaldaqstant din tal-aħħar ikollha vantaġġ peress li tkun semgħet ix-xhieda, u rat il-komportament tagħhom meta dawn xehdu. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, iżda jekk din setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Iżda, din il-Qorti tagħmel eżami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konklużjoni ta' ħtija.

---

[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Diċembru,1994.

Huwa prinċipju fundamentali tal-proċess penali li, sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tali akkużi għandhom jiġu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raġuni**. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**,[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni, u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, **dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni**.

Il-Qorti tissottolinja li huwa ben risaput li **l-apprezzament tal-provi għandu jsir, mhux biss b'mod spezzetat u individwali, iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati**. Ma tistax tinstab ħtija, jew nuqqas ta' ħtija, sempliċiment fuq analiżi individwali, jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Ġudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu, u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti.[10]

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilità tax-xhieda**, u dan billi din il-Qorti sejra tagħti qies l-imġiba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jew hix kostanti, u ta' fatturi oħra tax-xhieda, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-*

[9] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Diċembru 1997.

[10] Appell Ċivili Numru. 140/1991/2 – Norbert Agius v. Anthony Vella et., deċiż fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano u l-Imħallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

*xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innoċenza tiegħu</u>**. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih, u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[11] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika"*.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni, sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice**[12] b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-każ **Teper vs. R** [13] jgħid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference"*.

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

---

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.
[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Jannar, 1998.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin, u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija.

Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha, u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emmnut; u dan peress li f'din l-eventwalità, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqskemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emmnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett, u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

Inoltre kif ġie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal għall-konklużjoni tagħha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verità storika; u dan peress

---

[15] Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali sede Inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono, u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[16] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom, u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-għemil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom — ċjoè l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa x-xhieda li nġiebu quddiem l-Ewwel Qorti.

**It-Tabib Joseph Vella**[17] xehed permezz ta' affidavit fejn qal li nhar it-2 ta' Mejju, 2017 huwa eżamina lil Emanuel Mercieca u sab li kien qed ibati minn ġrieħi gravi, u li kien fil-periklu li jitlef ħajtu.

**Dr Marsette Portelli Xerri**[18] xehdet nhar id-9 ta' Diċembru, 2022 fejn preżentat inkartament ta' xhieda li ġiet ikkollezzjonata flimkien ukoll man-notamenti illi ġew meħuda waqt aċċess illi ġie miżmum fis-sit inkwistjoni, u ċjoè fl-impjant ta' Gatt. Hija esibiet ukoll il-medical file ta' Emanuel Mercieca.

Dr Portelli Xerri[19] xehdet nhar it-23 ta' Frar, 2023 fejn ippreżentat vera kopja tal-file mediku ta' Mercieca, flimkien ma' xi pendrives.

**Dr Daniel Calleja**[20] xehed nhar l-24 ta' Mejju, 2019 fejn għan-nom tar-Registrar of Companies xehed dwar il-kumpaniji Gatt Enterprises Ltd, Gatt Tarmac Ltd, Gatt Construction Ltd u Gatt Developments Ltd. Huwa esibixxa min kienu s-shareholders, id-Diretturi u s-Segretarju tal-Kumpanija. Tenna li l-kumpanija Gatt Ready Mix Limited kienet ġiet *struck off.*

**Saviour Farrugia**[21] xehed nhar l-24 ta' Mejju, 2019 għan-nom ta' Transport Malta fejn fir-rigward tal-vettura GBF669, Leyland Duff, Concrete Mixer din kienet reġistrata fuq Mario Gatt għan-nom ta' Gatt Development Limited. Illi l-vettura

[17] Fol. 8 tal-proċess.
[18] Fol. 40 et seq tal-process.
[19] Fol. 105 et seq tal-proċess.
[20] Fol. 43 tal-proċess.
[21] Fol. 43 tal-proċess.

kienet ilha hekk irreġistrata sa mill-10 t'Awwissu, 2006. Is-Sur Farrugia[22] reġa' xehed nhar l-4 t'Ottubru, 2019 fuq l-istess fatti.

**L-Ispettur Josef Gauci**[23] xehed nhar l-4 t'Ottubru, 2019 fejn spjega li kien ġie mgħoddi police file P2016/2017 mingħand is-Supretendent Maurice Curmi, sabiex jitkellem ma' David Saliba mill-OHSA ħalli jkunu jistgħu jinħarġu l-akkużi relattivi. Hu kien ra l-*proces verbal* u ħareġ l-akkużi fil-konfront tal-aħwa Gatt u Mark Tabone. Huwa qal li l-imputati qatt ma kien kellimhom.

**PS 676 E. Spiteri**[24] fejn permezz tal-affidavit tiegħu qal illi nhar it-2 ta' Mejju, 2017 għall-habta ta' 17:12hrs daħlet telefonata l-Għassa tar-Rabat, Għawdex mill-isptar fejn it-Tabib Joe Vella rraporta li kienet daħlet persuna maskili f'kundizzjoni kritika, wara li weġġa' fl-impjant ta' Gatt Ready Mix ta' Triq Qala, Għajnsielem. Hu mar fuq il-post u ġie osservat trakk ready mix bin-numri GBF-669, li allegatament għadda minn fuq il-vittma li rriżulta li kien ċertu Emanuel Mercieca. Fuq il-post kien hemm wieħed mis-sidien Joseph Gatt li indika l-post fejn il-vittma nstab mimdud mal-art, u għalhekk din iz-zona ġiet imdawra bi *plastic barriers* sabiex tiġi pprezervata x-xena. Ma kinux ġew osservati l-ebda marki ta' dmija fuq il-post. It-trakk irriżulta li kien misjuq minn Mark Tabone li ma kienx għadu fuq il-post. Ġiet miftuħa inkjesta u PC1180 baqa' hemmhekk bħala *fixed point*. Hu flimkien ma PS 552 u l-Ispettur Edel Camilleri kienu marru l-isptar fejn irriżulta li l-vittma kien fil-periklu tal-mewt. Il-vittma kien qal *"kont ghaddej bil-mixi minn naha tal-hajt bejn il-hajt u it-trakk li dak il-hin kien wieqaf. Ghaddejt ma genbu kollu u wasalt quddiemu. Dak il-hin beda jsuq u hassejt ir-roti kollha tal-genb jghaddu kollha minn fuqi"*.

**PS 552 Matthew Grech**[25] xehed permezz ta' affidavit fejn qal li kien ħejja l-NPS rapport bin-numru 10/Z/1632/2017.

**PC 141 C. Azzopardi**[26] xehed permezz ta' affidavit fejn spjega li nhar it-2 ta' Mejju, 2017 għall-ħabta ta' 17: 10 hrs kienu ġew infurmati mill-Isptar t'Għawdex illi kien seħħ inċident fl-impjant bl-isem Gatt Ready Mix li jinsab fit-Triq il-Qala, Għajnsielem. Spjega kif hu u PS 552 marru fuq l-impjant u hemm ġew innutati xi sidien ta' Gatt Brothers, fejn wieħed

[22] Fol. 51 et seq tal-proċess.
[23] Fol. 52 tal-proċess.
[24] Fol. 57 et seq tal-proċess.
[25] Fol. 62 et seq tal-proċess.
[26] Fol. 66 tal-proċess.

minnhom kien ġie jkellem lis-Surġent, u infurmah b'li kien ġara. Hu u s-Surġent għamlu l-barriers fejn kien sar l-inċident sabiex tiġi ppreżervata x-xena fejn ġara l-incident. Hu seta' jinnotta li ma kien hemm l-ebda marki ta' demm, u hu qagħad *fixed-point* max-xena tal-inċident sabiex ma jintmess xejn sakemm is-Surġent ikellem lill-ħaddiema li kien hemm fuq il-post.

**Norbert Ciappara**[27] xehed nhar id-19 ta' Diċembru 2019 għannom u in rappreżentanza tal-OHSA. Huwa spjega li nhar it-2 ta' Mejju, 2017 kien ġie infurmat mill-Ispettur Edel Mary Camilleri li kien ġara inċident fl-impjant ta' Gatt. Fis-26 ta' Mejju, 2017 huwa tela' Għawdex, u fuq l-impjant kellem lil Mario Gatt. Huwa wrieh kif jaħseb li kien ġara l-inċident, ħa xi ritratti tal-area, u spjegalu kif żewġ ħaddiema, ċertu Mark Tabone u Emanuel Mercieca, kienu qed jistennew sabiex jaraw jekk għandhomx bżonn joħorġu għax-xogħol. Xħin ħarġet l-ordni li ma kellhomx bżonn, marru jaħslu t-trakkijiet. Tabone kellu trakk fil-garaxx u ħareġ it-trakk. Sadanittant kif ikklerja l-blokka, ċertu Joseph Gatt lemaħ lil Mercieca mill-art, beda jgħajjat lil Tabone biex jieqaf, għax irrealizza li kien seħħ inċident. Sussegwentament hu kien kellem lil Joseph Gatt li kien qallu l-istess affarijiet. Irriżultalu li t-trakk involut kellu n-numru tar-reġistrazzjoni GBF 669. Hu ġie muri l-istess trakk li kien maqbud għaliex kienet għaddejja inkjesta maġisterjali. Huwa kien saqsa lil Mario Gatt kienx hemm *Risk Assessment* fejn kien qallu li kien hemm wieħed *in progress,* minn ċertu Mario Camilleri. Huwa qal li ma kienx hemm segregazzjoni ta' passaġġi minn fejn jimxu n-nies u l-vetturi. L-eżerċizzju ta' *risk assessment* kien jirrileva din il-mankanza, u allura kienet tinħoloq sistema li tindika fejn għandhom jimxu n-nies u l-vetturi. Hu kien tkellem ukoll ma' Emanuel Mercieca li kien spjegalu kif kien seħħ l-inċident. Mercieca qallu li kienu qed jistennew l-ordnijiet hu u Mark Tabone, u kif ingħata l-*clearance* huma marru jaħslu t-trakkijet. Spjegalu illi kien għadda min-naħa tal-passiġġier tat-trakk sabiex ħareġ mill-garaxx, u qatt ma ppretenda li Mark Tabone kien ser ikun daqshekk *fast* biex joħroġ. Qallu li ħass daqqa fuq spalltu, waqa' u nbaram, u t-trakk għadda minn fuq saqajh. Jgħid li r-*risk assessment* mingħand Gatt baqa' qatt ma wasallu, u l-ittra li kien bagħat lid-Direttur ta' Gatt Tarmac, baqa' jirċeviha lura. Fit-8 ta' Novembru spjega li kien aċċeda fid-dar tal-vittma, u dakinhar stess mar fuq l-impjant, u tah l-ittra *by hand*, u bħala

[27] Fol. 67 et seq tal-proċess.

*risk assesment* kien qallu li għadhom ma ffinalizzawx. Qal li fis-26 ta' Mejju kien kellem lil Mark Tabone fejn kien qallu li ma kienx jaf li Mercieca kien se joħroġlu minn wara, għax hu kien mar jiċċekkja jekk il-pompa hix mitfija qabel ħareġ, u tah x'jifhem li qisu min-naħa tal-passiġġiera ma kien hemm ħadd.

In kontroeżami qal li lil Mercieca kien kellmu l-ewwel darba f'Novembru, u kien sema' xi ġralu minn dak li kienu rrakkontawlu fuq il-post. Jgħid li hu li kien jinteressah kienx hemm *safety systems of work*. Mercieca kien qallu li ma kienx jaf x'inhu *risk assesment*. Qal li Tabone kien ilu jaħdem mal-kumpanija xi għaxar snin u ma jafx kienx ħareġ bil-pensjoni u reġa' daħal.

**Dr Maria Borg Scicluna**[28] xehdet nhar id-19 ta' Diċembru, 2019 in rappreżentanza tal-MBR fejn qalet li kienet rikjesta tippreżenta *Memorandum and Articles of Association* ta' xi kumpanija, madankollu dakinhar ma ġie ppreżentat xejn.

**Emanuel Mercieca**[29] xehed nhar l-24 ta' Lulju, 2020 fejn spjega li nhar it-2 ta' Mejju, 2017 għall-ħabta tal-5:10 PM ġol-impjant tar-Ready Mix tal-kumpanija Gatt; hu daħal fil-yard bil-vettura, u tefagħha mal-ġenb, biex jew iżarma, jew jara fadalx xi xogħol xi jsir. Xħin ipparkja hu mar fejn issir l-għaġna tal-konkrit fejn kien hemm Kurun Mifsud, Salvu Mercieca u Mark Tabone. Kurun Mifsud, l-imgħallem tiegħu, qallu sabiex jistenna għaliex seta' kien hemm bżonn li jmorru jagħtu xi konkrit. Madankollu, kienu ċemplu li l-konkrit kien serva. Kellhom kollox mitfi, u Mifsud qal lilu u lil Tabone sabiex jaħslu t-trakkijiet. Huma mxew minn fejn jintagħġen il-konkrit għal fejn it-trakk li jsuq Tabone. Hu għadda minn ġenb tax-xellug, u Tabone għadda min-naħa l-oħra tal-lemin. Hu qal mexa għat-trakk li jsuq hu, u ħareġ sabiex wara li jlesti Tabone jkompli hu. Xħin mexa erbatax(14)-il metru 'l barra, waqt li nofs minuta qabel kien kollox mitfi fil-ħemda, huwa sema' ħoss ta' vettura qed toqrob lejh minn warajh. Hu ħares lura, u ra l-faċċata tat-trakk żewg metri bogħod minnu, u ser tasal fuqu. Hu jgħid li hu ntlaqat meta kien għadu bilwieqfa. It-trakk kellu gabina ħamra, u kien misjuq minn Mark Tabone. Hu ntlaqat fil-ġenb tal-lemin tiegħu u tefgħu taħtu; għadda minn fuq saqajh it-tnejn, u kisirlu saqajh il-leminija minn żewġt ibnadi; u daħnu minn irkoptu 'l isfel. It-trakk kien għadu miexi, u fuq il-lemin kien hemm Joe Gatt li kien qal lil

[28] Fol. 69 tal-proċess.
[29] Fol. 78 et seq tal-proċess.

Tabone, sabiex jieqaf ħalli l-inċident ma jkomplix jiggrava. Hu baqa' f'sensih sakemm ħaduh l-isptar. Xħin it-trakk għadda minn fuq saqajh, u ntgħafas il-brejk, tgħaffġitlu saqajh tax-xellug minn koxxtu 'l isfel, tant li t-tobba kienu qalulu li kienet għal qtigħ. Spjega kif dam disat (9) ijiem l-ITU, seba' (7) ġimgħat Mater Dei, u xahrejn u nofs l-Isptar Karen Grech. Mistoqsi jispjega kif kien ġie milqut, huwa wiepeb fin-nofs tal-*yard*. Spjega kif għadu qed ibati minn diżabbiltà ta' 50%.

In kontroeżami qal li fiż-żmien tal-inċident hu kien jaħdem ma' kumpanija tar-*Ready Mix* ta' Gatt. Jgħid li kellu sittin (60) magħluqa meta beda jaħdem hemm, u llum għandu wieħed u sebgħin (71). Xogħlu kien li joħroġ bix-xogħol tar-ready mix. Spjega li l-ħasil kien isir billi jidħlu bit-trakkijiet wieħed wara l-ieħor, joħroġ ta' qablek u tidħol floku. Tagħmel il-magna ddur u titfagħlu l-ilma niex jitlaħlaħ mill-konkrit ta' qabel. Waqt li kien qed jitkellem ma' Tabone, it-trakk ma kienx qed jinħasel, kien mitfi. Qal li l-ambjenti t'hemmhekk hu jafhom sew, u li llum il-ġurnata juża bastun kuljum.

Emanuel Mercieca[30] reġa' xehed in kontroeżami nhar id-9 ta' Lulju, 2021. Fejn qal li kien jaħdem ma' Gatt u kien ilu jaħdem magħhom għal numru ta' snin. Jgħid li l-ambjent tar-*Ready Mix* jafu sew u jaf kif kienu jaghmlu sabiex jaħslu l-*concrete mixers*. Spjega kif kienu hu, Salvu Mercieca, Konorat Mifsud u Mark Tabone fl-uffiċċju fejn issir l-għaġna. Spjega li hu u Tabone ħarġu flimkien, hu ħareġ min-naħa tax-xellug u Tabone min-naħa l-oħra. Qal li kien tbiegħed mit-trakk diġà xi erbatax(14)-il metru. Tabone daħal fuq l-*isteering* u hu mexa 'l barra. It-trakk tiegħu kien fil-*yard* barra, 'il barra iktar mit-trakk ta' Mark. Jgħid li hu ma kienx qed iħares lejn it-trakk meta laqtu, iżda kien qed iħares lejn id-direzzjoni opposta. Sakemm kienu ġewwa t-trakk ta' Mark kien mitfi. Hu tenna li ma jafx jekk Mifsud kienx qalilhom sabiex jaħslu t-trakkijiet għax kien dieħel ieħor. Mistoqsi jekk it-trakk ta' Mark kienx qed jinħasel jgħid li ma jafx. Fil-post fejn kien hemm it-trakk ta' Mark jinħaslu trakkijiet oħra. Biex jgħaddi għal fejn it-trakk tiegħu, hu kellu jaqsam però mhux minn mat-trakk, iżda 'l barra. Spjega illi Mark mar lejn il-gabina u hu mar 'il barra. Hu ħareġ 'il barra, u xħin kien madwar erbatax(14)-il metru 'l barra ntlaqat. Tabone laqtu hu u qed idur fuq il-lemin. Jgħid li Tabone laqtu waqt li kellu wiċċu 'l barra fuq in-naħa tax-xellug. Qal li fil-preżent juża bastun kuljum, u jsuq vettura normali. Jgħid li hu kien xtara *safety shoes* hu, iżda ta' Gatt qatt

[30] Fol. 96 et seq tal-proċess.

ma kienu pprovdewh b'xejn. Hu qal li ma stenniex li kien ġej trakk fuqu, iżda kien jaf li Mark kien ser jidħol fil-gabina u joħroġ bih.

Mercieca[31] reġa' xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2021 fejn qal li kien sofra minn 50% diżabbiltà, u spjega kif li kien jagħmel qabel ma għadux jista' jagħmlu. Muri filmati meħuda mill-appellant fejn allegatament hu ma kienx qed juża bastun huwa qal li f'xi stanzi kien mingħajr bastun.

Illi nhar id-19 ta' Novembru, 2021, Mercieca[32] reġa' xehed in kontroeżami fejn qal li l-ħsieb tiegħu kien biex jirranġa t-trakk ħalli xħin jaħsel it-trakk Mark u joħorġu, jidħol hu warajh. Ma jafx it-trakk ta' Tabone kienx inħasel jew le. B'referenza għall-istanzi fejn deher miexi bla bastun, huwa tenna li t-toroq kienu lixxi, u sabiex jitla' u jinżel bankina jara l-purgatorju. Qal li l-magna tat-trakk startjata hu jismagħha tajjeb. Mistoqsi għaliex ma kienx semagħha, huwa tenna li kien miexi għall-affari tiegħu.

**Ray Aquilina**[33] xehed nhar il-11 ta' Settembru, 2020 fejn qal li Emanuel Mercieca kien involut f'inċident fuq ix-xogħol fejn allegatament kien hemm trakk għadda minn fuqu. Spjega kif Mercieca kellu diversi feriti, fosthom ksur tal-għadma tal-koxxa u problema fl-arterja prinċipali. Jgħid li kien hemm intervent fuq l-arterja n-naħa tax-xellug. Qal li kellu bżonn diversi interventi oħra, u ħareġ mill-isptar nhar is-7 ta' Settembru 2017, u ċjoè seba' xhur wara. Kien hemm ħafna ħsara fil-muskoli li wasslet għal *renal failure*. Spjega illi bil-ħsara li kien hemm irriżultat diżabilità notevoli fejn il-mobiltà tiegħu ġiet affettwata b'mod sever, b'dan illi saqajh it-tnejn ġew affettwati speċjalment tax-xellug. Hu kkonferma l-kontenut tar-rapport minnu mħejji.

**Marcel Tabone**[34] xehed nhar il-11 ta' Settembru, 2020 fejn esibixxa *employment history* ta' Mark Tabone u Emanuel Mercieca. Irriżulta illi f'Mejju 2017, Mark Tabone kien jaħdem ma' Mark Enterprises Limited u Emanuel Mercieca ma' Gatt Tarmac Limited.

**Dr Paul Zammit**[35] xehed nhar l-4 ta' Frar, 2021 bħala konsulent tal-ġerjatrija fi ħdan l-Isptar Karin Grech fejn spjega

[31] Fol. 99 et seq tal-proċess.
[32] Fol. 101 et seq tal-proċess.
[33] Fol. 83 tal-proċess.
[34] Fol. 83 tal-proċess.
[35] Fol. 85 tal-proċess.

li Mercieca kien ġie ammess fi ħdan l-Isptar Karin Grech, għax kellu *crash injury*, għax kien ġie *ran over* minn trakk. Spjega kif kien daħal l-ewwel darba nhar it-28 ta' Gunju, 2017 u dam hemm sas-7 ta' Settembru, 2017. Hu għaraf id-dokumenti li kien għamel hu fil-file mediku.

**Mr Mark Portelli**[36] xehed li Mercieca kien ġie operat nhar is-26 ta' Mejju, 2017 meta fl-istess xahar huwa kien daħal l-isptar b'*double fragmentation of the right femur*. Huwa qal li dan il-ksur kien ġie kkaġunat minn *high impact trauma*, għaliex kellu ksur minn żewġ partijiet. Huma kien daħħlulu virga tal-ħadid b'mod permanenti, u bħala ġrieħi li kellu hu klassifikahom bħala gravi. Spjega kif wara ksur hekk tista' titlef ħafna demm, u anke tmut.

**Dr Michael Refalo**[37] xehed nhar it-8 ta' Jannar, 2021 fejn qal li Mercieca kien idaħħal l-Isptar Ġenerali t'Għawdex nhar it-2 ta' Mejju, 2017 għall-ħabta tal-4:45 PM. Hu kkonferma li kien qed jixhed bħala rappreżentant tal-isptar. Mill-file mediku tiegħu rriżulta li kellu ksur fil-feroma tal-lemin, fil-fibura tax-xellug u fl-arterja msejħa *superficial femor artery*, li kienet imfarrka u magħluqa. It-tabib *duty* l-Emerġenza kien Dr Joseph Vella, u kkonferma li l-ġrieħi kienu ta' natura gravi.

**Mr Francis X Darmanin**[38] xehed nhar it-8 ta' Jannar, 2021 fejn bħala *plastic surgeon* qal li Mercieca kien ġie operat tliet darbiet f'Mejju 2017. Dawn kienu fuq il-koxxa tax-xellug, fuq il-ferita ta' wara l-koxxa tax-xellug, u t-tielet waħda saret fuq iż-żewġ saqajn. Kien sar ukoll tindif u *skin grafting*. Il-feriti huma kompatibbli mal-allegat sewqan fuqu ta' trakk. Kellu feriti iktar gravi li għalihom kien ġie operat preċedentament f'Għawdex b'suċċess. Min-naħa tagħhom kellu *weekly dressing of wounds*. Peress li kien hemm ksur involut in-natura tal-ġrieħi kienet waħda gravi.

Din il-Qorti rat ukoll l-inkjesta bin-numru 33/2017 (*proces verbal* numru 293/19) li ġiet esibita fl-atti tal-kawża Il**-Pulizija vs Joseph Gatt et**, u li permezz ta' digriet tal-Ewwel Qorti datat is-26 ta' Novembru, 2019,[39] kien ġie deċiż illi din l-istess *proces verbal* għandu jifforma parti minn dawn il-proċeduri. F'din l-inkjesta ġew maħtura diversi esperti, fosthom **PC 951 David Xerri** li ħa ħsieb ix-xogħol tal-fotografija fuq il-post fejn

[36] Fol. 87 tal-proċess.
[37] Fol. 88 et seq tal-proċess.
[38] Fol. 89 tal-proċess.
[39] Fol. 12 tal-proċess.

seħħ l-inċident. **PC 60 John Grima** kien eleva żewġ kampjuni ta' marki tas-swaba' minn fuq il-post tal-inċident fejn iktar tard ġew mgħoddija lil **Dr Marisa Cassar**. Din tal-aħħar kienet maħtura bħala espert tad-DNA, u kienet ġiet maħtura sabiex tagħmel analiżi għall-preżenza ta' demm fuq il-kampjuni mgħoddija. Dr Cassar ikkonkludiet illi l-kampjuni kienu negattivi għall-preżenza ta' demm. **Il-Perit Cornelia Tabone** kienet żammet aċċess fuq il-post tal-inċident nhar it-2 ta' Mejju, 2017 fejn saret spezzjoni kif ukoll survey dettaljat tal-inċident. L-Espert Fotografiku **Samuel Cefai** ppreżenta sett ta' wieħed u erbgħin (41) ritratt li huwa kien ħa in konnesjoni ma' din l-indaġni. L-Espert Mekkaniku **Mario Buttigieg** sostna illi l-kumpanija ma għamlet l-ebda *health risk assessment* u ma kien hemm l-ebda *railings*, u għalhekk fejn jimxu l-impjegati ma hemm l-ebda tip ta' sigurtà. Dr Buttigieg sostna illi l-appellant Tabone seta' ra lil Mercieca miexi meta kien fil-bitħa. L-espert legali **Dr Renata Farrugia** wkoll ikkonkludiet illi l-azzjoni magħmula minn Mark Tabone tista' tammonta għal reat kriminali.

## Ikkunsidrat ulterjorment

Illi nhar it-2 ta' Mejju, 2017 ġewwa Gatt Ready Mix Għajnsielem, Għawdex, Emanuel Mercieca sofra ġrieħi gravi, u dan meta l-appellant Mark Tabone għadda minn fuqu bit-trakk tar-ready mix. Kif diġà ġie ritenut supra, permezz tal-ewwel aggravju l-appellant, qiegħed isostni illi r-responsabbiltà tal-inċident ma kellhiex tiġi attribwita lilu, iżda kien jaħti għaliha l-istess Mercieca. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali mhux jaqbel mat-teżi tad-difiża, u dan stante li l-parti leża kien ħiereġ 'il barra minn post fejn kien jakkomoda kemm lilu, kif ukoll it-trakk misjuq mill-appellant, u għalhekk in-negliġenza taqa' fuq l-appellant.

F'dan il-punt il-Qorti tixtieq telabora wkoll fuq il-kunċett tal-*contributory negligence*. Din il-Qorti jeħtieġ li tistħarreġ ukoll jekk setax il-vittma stess jikkontribwixxi għall-aċċident, u jekk tali kontribut kienx tant b'saħħtu li jannulla kwalsiasi forma ta' kolpevolezza tal-appellant, jew inkella kienx fi grad tali li n-ness bejn l-aċċident in kwistjoni u l-ommissjoni tal-appellant ma jkunx jista' jiġi hekk imxejjen. Huwa paċifiku illi din it-tip ta' negliġenza ma teżżonerax lill-appellant mir-responsabbiltà penali taħt l-Artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali jekk din in-negliġenza ma tkunx il-kawża unika tal-aċċident in kwistjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Arthur Castillo**,[40] din il-Qorti hekk kif ippreseduta, iċċitat ġurisprudenza vasta f'dan ir-rigward:

> "*Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenza Dimech**[41] kien ġie ritenut hekk:*
>
> *'Il-"contributory negligence" ma tezonerax li dak li jkun mir-responsabilta' kriminali jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. **Pul. vs. P. Vassallo**; Kollez. Vol. XXXVIII, p. 883 u ohrajn.) F'sede Kriminali kull hadd iwiegeb ghall-agir tieghu, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklużivament ghal htijiet da parti ta' terzi. (App. Krim.: **Pul. vs. Gaetano Schembri**, 16.3.61; **Pul. vs. John Polidano**, 3.11.63; **Pul. vs. Rev. C. Mifsud**, Kollez. Vol. XXXVII , p.1131 u ohrajn)'*
>
> *Di piu', fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Formosa**[42] ġie ritenut hekk:*
>
> *'Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-process kollu, izda semplicement ma tistax taqbel ma l-appellant. Kif inhu risaput, in tema ta' responsabbiltà kontributorja, il-fatt li haddiehor (f'dan il-kaz il-vittma stess) ikun ukoll negligenti ma jgibx fix-xejn ir-responsabbiltà tal-appellant, basta, naturalment, li jkun hemm effettivament negligenza da parti ta' l-appellant u li din in-negligenza kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-mewt kagunata (ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi** App. Krim. 26 ta' Frar 2001).'*
>
> *Dan il-punt ġie elaborat f'sentenza iktar riċenti minn dawk suċitati u cioè dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri**.[43] Dan il-każ kien jikkonċerna inċident stradali, madankollu l-pronunċiment tal-Qorti xorta waħda japplika għall-każ odjern:*
>
> *"Ibda biex ..., "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. **Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b'xi att inaspettat u subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu***

[40] Deċiża nhar it-22 ta' Frar, 2023.
[41] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ġunju, 2022
[42] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Mejju, 2005
[43] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018.

***<u>ikun qieghed lid-driver f'pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment.</u>***"*(App. Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud</u>**" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)*

*Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian." (App.Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. Alfred Caruana</u>**" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031). F'sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha; eg. "meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. J. Thornton</u>**" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**<u>Il-Pulizija vs. Cassar Desain</u>**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)"*

*Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d'Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*
*…*
*<u>ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l hekk imsejjha 'emergenza subitanea'</u>*

*li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. la volontarieta dell'atto; 2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u 3. la possibilita di prevedere. Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide* ***Il-Pulizija vs John Vella*** *deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist* ***Francesco Carrara*** *jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sarà sempre questo - 1° volontarietà dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilità di prevedere." Bl-istess mod, il-Professur* ***Anthony J. Mamo****, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

***L-Antolisei,*** *izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta' l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli talkomportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi oħra bħal* ***Mantovani u il-Padovani*** *jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso*

***Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."***

Il-mistoqsija li jmiss hija jekk setax l-akkadut raġonevolment jkun prevedibbli mill-appellant waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol. Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilità tal-event dannuż u jekk l-inċident setax jkun prevedibbli bl-eżerċizzju ta' ċerta diliġenza u attenzjoni.

Il-Professur **Sir Anthony Mamo** fir-rigward tad-diliġenza rikjesta fil-kamp kriminali jsostni illi:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man' meaning thereby a reasonable prudent man."*

In segwitu għal dak ritenut *supra,* din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Polidano et**[44] fejn ingħad is-segwenti:

*"…Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland[45]:*

[44] Deċiża nhar it-12 ta' Diċembru, 2007.
[45] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

*"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."*[46]

*U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"*[47] *u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:*

***"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall*[48] *says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons".***

L-appellant qiegħed isostni illi l-parti leża Mercieca jaħti għall-inċident, u dan għaliex fost raġunijiet oħra, huwa seta' jgħaddi minn entratura oħra, u dan anke in vista tal-fatt li huwa kien familjari sew mal-post. Madankollu, anke jekk dan jista' jitqies

[46] Para. 7.28, pp. 232—233

[47] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

[48] Hall, J., General Principles of Criminal Law 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

bħala fattur li seta' kkontribwixxa għal dak li seħħ fl-inċident inkwistjoni, żgur però ma huwiex il-fattur ewlieni u determinanti u l-konsegwenza unika tal-inċident. Il-kawża ta' l-inċident għalhekk, mill-ottika tal-liġi penali, hija s-sewqan kontra l-liġi tal-appellant, għaliex dan naqas milli jżomm *a proper look out*, u li jieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji meta kien jaf ben tajjeb li kien qed isuq trakk li għandu *blind spots*, u f'ambjent fejn anke jkun hemm ħaddiema oħra għaddejjin bil-mixi.

Sabiex persuna teżercita *a proper look out*, u tesplora tajjeb it-triq, jeħtieġ li tara dak li jkun raġjonevolment viżibbli jew *what is in plain view.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Shaun Debono**[49] pie ritenut hekk:

> *"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. J.M. Laferla** , [17.6.1961] )." In oltre "...kif gie ritenut fi "**NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd**" (1968):- "**Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well**."*

In vista tas-suespost, din il-Qorti wara li qieset il-provi kollha tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet korretta bid-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward, u għalhekk għamlet ukoll apprezzament tajjeb tal-provi. Għaldaqstant l-ewwel u r-raba' aggravji tal-appellant Tabone qed jiġu miċħuda.

**It-tieni aggravju** tal-appellant jirrigwardja s-sejbien tal-ħtija fil-konfront tiegħu ta' sewqan b'manjiera traskurata, iżda mhux b'manjiera bla kont u perikoluża.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramona Borg**[50] kif deċiża minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta, ingħad is-segwenti dwar sewqan traskurat:

> *"Illi, fir-rigward tal-kunċett "sewqan traskurat (negligent driving)", l-esponent jagħmel referenza għal ġurisprudenza nostrana fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997, li jagħmlu referenza għaliha wkoll is-sentenzi fl-ismijiet*

[49] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Ġunju, 2019.
[50] Deċiża nhar is-26 ta' Settembru, 2023.

*__Il-Pulizija vs Andre Joel Camilleri__ u __Il-Pulizija vs Michael Angelo Xerri__ deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2022 u fil-25 ta' Jannar 2023 rispettivament, fejn il-Qorti rriteniet issegwenti:*

***Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat."***

L-appellant filwaqt li nstab ħati ta' sewqan traskurat, huwa ġie liberat minn sewqan bla kont, u ċjoè bi traskuraġni kbira, kif ukoll minn sewqan perikoluż li jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan ikun ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Id-differenza bejn sewqan perikoluż, bla kont u traskurat hija kwistjoni ta' *degree*, u s-sewqan traskurat hija l-inqas waħda gravi mit-tlieta. Illi kif ġie ritenut fl-aggravju preċedenti, stante li jirriżulta li l-appellant ma żammx *a proper lookout*, kellha raġun l-Ewwel Qorti li ssibu ħati għat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu. Għaldaqstant jimmerita li dan l-aggravju għandu jiġi respint.

**It-tielet aggravju** tal-appellant Tabone jirrigwardja liġi ineżistenti. L-appellant permezz tat-tielet imputazzjoni kien akkużat bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tal-Att XXXIII tal-2024 il-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta ġie mħassar, u dan b'effett mis-26 ta' Novembru, 2024. L-appellant jisħaq illi fid-data tas-sentenza, u ċjoè tal-11 ta' Diċembru, 2024, id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 424 kienu ineżistenti u ineffikaċi. L-Avviż Legali 321 tal-2024 datat is-26 ta' Novembru, 2024 twaqqaf fis-seħħ l-effetti tal-imsemmi Kap 424, u ma saret l-ebda referenza għall-proċeduri transitorji. Għalhekk huwa qed isostni illi kellu jiġi liberat mit-tielet imputazzjoni.

Hawn hekk din il-Qorti tħoss il-bżonn illi tiftaħ dwar il-prinċipju ta' non-retroattività espress fil-massima legali *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege*. Dan il-prinċipju jassigura li l-ebda persuna ma tiġi penalizzata għal att li ma jkunx jikkonstitwixxi reat fil-mument li jiġi mwettaq.

Saħansitra, Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipula is-segwenti:

*"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien metajkun ġie magħmul."*

Dan il-massima legali suċitat ma jiggarantixxix biss illi persuna ma tiġix penalizzata għal att illi meta ġie kommess ma kienx reat, iżda wkoll persuna ma għandhiex tiġi suġġetta għal penali iktar għolja meta reat li għalih tkun ġiet akkużata sussegwentament tiżdiedlu l-piena. Di più Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi dan li ġej:

*27. Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.*

Dan l-Artikolu ġie anke ċċitat mill-Professur Anthony Mamo fejn fin-noti tiegħu "NOTES ON CRIMINAL LAW" fejn dan anke elabora fuq il-prinċipju ta' non-retroattività:

*"In fact, an apparent exception to the rule that a penal law cannot have a retrospective effect occurs when a new law enacted after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender then the law in force at the time the offence was committed.*

*"The hypothesis is twofold:*

***8. the law against which the offence was committed is subsequently repealed so the act is no longer criminal;***
***9. the law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or conditions of liability and prosecution are varied.***

A. *The principle accepted in continental doctrine and practice, which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced. If before the man is tried the legislature cancels the criminal character of the act with which he stands charged, there is no longer any justification for inflicting punishment upon him. The action of the State, in repealing the former law which prohibited the act, clearly shows that the public peace and order and the public welfare are no longer endangered or harmed by such type of act and that, therefore, the State has no*

*longer any interest in repressing it, and, consequently, no right to punish it.*

*Older writers took the view that this principle constitutes an exception to the rule that penal laws should be exclusively prospective. Their doctrine was that the repealing law is given retrospective application to the matter of inquiry arising under the repealed law, by way of an indulgence to the accused. But modern writers do not accept this explanation, and contend that the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that, rather than an exception to the rule of non-retroactivity with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*

Prof. Mamo jkompli jgħid illi:-

*"<u>The 'communis opinio' among continental writers is that where the law in force at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him.</u> This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice (Sic!). <u>If, on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in force at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied, for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.</u>*

*Section 28[51] of our Criminal Code provides that " if the punishment prescribed by the law in force at the time of the*

[51] Presently Article 27 of the Criminal Code.

*trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offence, the less severe of the two punishments (Old Italian Text: "pena di qualita' meno grave") shall be applied.*

*…*

*The above-quoted provision of our Criminal Code applies 'expressis verbis' where the difference is between the punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded: saving, of course, even in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal '**The Police vs. S. Chircop et**', 13-XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol. II, 8 315).*

*An interesting judgement explaining the true meaning and effect of the said Section 28 of our Criminal Code was delivered by His Majesty's Criminal Court in its Appellate Jurisdiction in the case '**The Police vs. Agostino Bugeja**' (Vol. XXIV, P. IV, p. 941). It was there held that, although the said section contemplates only the case in which the punishment provided by the law in force at the time of the trial is different from that provided by the law at the time of the commission of the offence, and no express provision exists concerning the case in which, at the time of the trial, the act complained of has ceased to be an offence, nevertheless 'arguendo a fortiori' from the section, it is clear that the accused should go free from all punishment in the latter case (as we have already seen). Sir M.A. Refalo C.J. said: "L'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che cioe', quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova, un'azione commessa prima dell'attuazione della legge nuova ma sottoposta a giudizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi che nel confronto apparisco piu' mite, non deve intendersi letteralmente ristretta al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave, ma di logica, e di giustizia deve intendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu' reato: di logica, perche' maggior mitezza può dirsi non solo per riguardo a quella legge che commini una pena minore, ma eziandio per riguardo a quella che non*

*commini alcuna; di giustizia, perche' la legge non puo' contraddire se stessa per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave e negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu' che diminuire, elimina qualsiasi pena".*

Di più f'paġna 34 et seq tan-noti tiegħu, il-Professur Mamo qal hekk ukoll:

*"…the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, In Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period at a time and are at short intervals amended or repealed and reenacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.*

***In England, the general rule is, now, that the repeal of a statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement could be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Viet. C. 63, S. 38, Ss. 2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not ... ... ... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceeding or remedy in respect of any such ...penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted", continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior statutes. (Arch. 'Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Sd. 1931, PP. 8-9)."***

Illum il-ġurnata fil-liġi tagħna, u dan saħansitra sa mis-sena 1975, insibu klawżola simili għal dik suċitata fl-Att dwar l-Interpretazzjoni, u ċjoè Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikoli 12 (1)(d) u (e) ta' din il-liġi jipprovdu s-segwenti:

> *"12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, **kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju**, t-tħassir m'għandux –*
>
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
>
> *(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel, u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda."*

Oltre minn dak ċitat *supra*, Artikolu 9 tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

> *"9.Kull liġi magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att bis-saħħa ta' setgħa mogħtija b'xi Att mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att **tista', kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju fl-Att li jagħti dik is-setgħa, tkun retroattiva** għal kull data li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ ta' dak l-Att jew, meta dispożizzjonijiet differenti tiegħu jkunu jibdew iseħħu f'dati differenti, li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ tad-dispożizzjoni li bis-saħħa tagħha ssir il-liġi sussidjarja:*
>
> *Iżda ebda persuna ma teħel xi piena dwar xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir qabel il-bidu fis-seħħ tal-liġi sussidjarja."*

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Edward Joseph O'Connor**[52] fejn f'dan ir-rigward ġie ritenut hekk:

> *"Be that semantic distinction as it may, this Court is of the opinion that the solution to this problem lies in Section 9 above quoted, which says that subsidiary legislation "**MAY BE MADE TO OPERATE RETROSPECTIVELY**" ("**tista tkun retroattiva**" in the Maltese text) unless the contrary intention appears in the Act conferring that power. Now in this Court's view, the use of the words : "**MAY BE MADE** "*

[52] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Novembru, 2003.

*and "**TISTA' TKUN**" clearly imply that such a law is not necessarily retroactive automatically but may be made to be so. The only limitation to such a faculty is that no person shall be made liable to a punishment for an act which when it was done was not so punishable. **Obviously for such subsidiary legislation to be retroactive therefore it would have to be expressly stated in the new law and that this cannot be assumed to happen automatically in all cases of subsidiary legislation supplanting a former law.** Now whereas in Chapter 233 there appears no declared contrary intention to enable subsidiary legislation to be made retroactive and hence this is legally possible under the Interpretation Act, for any amendment of any order or regulation issued under Chapter 233 to be retroactive, it would have to be expressly stated that this is to be the case . A close examination of Legal Notice 419 of 2002 (and for all that matters of L.N. 278 of 2000 which preceeded it) reveals no such declaration to make the wider exemption being invoked by O' Connor retroactive however. Indeed, Article 1 (2) of both Legal Notices respectively expressly states:-*

*"THIS ORDER SHALL COME INTO EFFECT ON THE 1 ST JANUARY , 2003". And*
*"THIS ORDER SHALL COME INTO EFFECT ON THE lst. JANUARY , 2001"*

*and no mention of any retroactive effect is made therein. **Hence one cannot assume that the intention of the legislator was to make the wider exemption retroactive. Therefore once no contrary intention appears from L.N. 419 itself to make the change retroactive, it does not affect the liability, punishment and forfeiture incurred or to be incurred for any breach of the law as it stood prior to such change according to section 12 (1) (d) and (e).**"*

L-Att XXXIII tal-2024, speċifikament taħt l-Artikolu 46 tal-istess Att insibu s-segwenti:

*"46.(1) Mad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jista', permezz ta' avviż jew avviżi fil-Gazzetta, jistabbilixxi d-data tat-tħassir tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:*

*Iżda l-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jista' permezz ta' dak l-avviż jew dawk l-avviżi fil-Gazzetta jistabbilixxi dati differenti għat-tħassir ta' dispożizzjonijiet differenti u, jew għal għanijiet differenti tal-*

*Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.*

*(2) Mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, il-kliem u l-frażijiet imsemmija fit-tielet kolonna tal-Ewwel Skeda, liema kliem u frażijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet speċifikati fit-tieni kolonna tal-istess Skeda, liema dispożizzjonijiet jinsabu fil-liġijiet imsemmija fl-ewwel kolonna tal-istess Skeda, għandhom jiġu emendati skont l-emendi msemmija fir-raba' kolonna ta' dik l-Iskeda.*

*(3) Mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, il-leġiżlazzjoni sussidjarja elenkata fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda, li l-enumerazzjoni preżenti tagħha hija elenkata fit-tieni kolonna tal-istess Skeda, għandha titqies li saret taħt id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan l-Att, u għandha tiġi enumerata mill-ġdid skont hekk kif speċifikat fit-tielet kolonna tal-imsemmija Skeda."*

L-Avviż Legali 321 ta' 2024 imsemmi *supra*, jipprovdi hekk:

*"BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1(3) tal-Att tal-2024 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol stabbilixxa d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż Legali bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-istess Att għandhom jidħlu fis-seħħ, u għall-fini tal-artikolu 46(1) tal-imsemmi Att, id-data stabbilita għat-tħassir tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424) għandha tkun id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż Legali,* ***mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtu****."*[53]

Illi din il-Qorti tagħmel referenza partikolari għall-kelmiet suċitati "***mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtu***". B'dan din il-Qorti tifhem illi kwalunkwe proċeduri li kien hemm pendenti qabel ma tħassar il-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ma għandhomx ikunu affettwati b'dawn l-emendi fil-liġi. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant meta tenna illi fl-avviż legali suċitat ma saret l-ebda referenza għal xi proċeduri transitorji.

[53] Enfasi ta' din il-Qorti.

Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll it-tielet aggravju tal-appellant Tabone.

**In vista tas-suespost, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant u għalhekk tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imħallef**

**Jake Mejlak**
**D/Reġistratur**